# Animazzjoni - Ir-4 Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tar-Raba' Ħadd tal-Avvent. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tqarribna aktar lejn il-miġja ta' Ġesù f'din id-dinja għax issa il-Milied jinsab fil-qrib. Huwa permezz ta' din il-miġja li se naslu għas-salvazzjoni u għall-ħajja ta' dejjem.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Ilum il-Liturġija tal-Kelma, naraw b'aktar enfasi l-importanza tal-għotja. L-Ittra lil-Lhud turina l-importanza tas-saġriffiċju, liema sagriffiċju ma baqax aktar offerta ta' ħruq imma sar offerta ta' persuna: L-Iben ta' Alla innifsu. L-għotja tidher ukoll f'li wieħed jagħmel ir-rieda tal-Mulej. Ta' dan għandna lil Marija bħala xempju; dik li telqet tħaffef lejn l-għoljiet biex taqdi lil qariba tagħha Eliżabbeta.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Mulej, itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi!

**Offertorju:**

F'dan il-mument ejjew noffru l-esperjenzi u l-ħidmiet kollha tagħna lil Alla. Ħa jkunu dawn għotja li titqaddes mill-ispirtu permezz tal-Iben ta' Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Arawha, ix-xebba ssir omm u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-El." Huwa dan l-iben li aħna sejrin nirċievu f'qalbna f'dan il-mument tat-tqarbin.
Nersqu għalhekk, għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.